Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 33/14

Fil-kwistjoni ta' xogħol numru 3008 fl-ismijiet:

**Anthony Mansueto (ID No: 227664M) (appellant)**

vs

**Multigas Limited (appellata)**

25 ta' Novembru, 2016.

Permezz ta' rikors li ppreżenta fit-Tribunal Industrijali (12 ta' April, 2012), Anthony Mansueto talbu jiddikjara li l-kumpannija intimata, li kienet l-*employer tiegħu*, aġixxiet bi ksur tal-artikli 25 u 30 tal-ftehim kollettiv, u li fi kwalunkwe każ ġie mkeċċi inġustament minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu, billi ċaħad li aġixxa b'mod mhux xieraq fuq ix-xogħol tiegħu kif kien akkużat li għamel bħala raġuni għat-tkeċċija tiegħu.

Il-kumpannija wieġbet[1] li qabel l-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu ir-rikorrent kien ingħata diversi *warnings.* Fl-inċident in kwistjoni, l-awtoritajiet tal-isptar Mater Dei ilmentaw li ma kienx qed iġib ruħu sew mal-ħaddiema tal-isptar. Il-Kumpannija l-ewwel sejħet is-shop stewards imbagħad bagħtet għar-rikorrent fil-preżenza tagħhom. Ir-rikorrent attenda l-laqgħa u ngħata l-opportunita` jagħti l-verżjoni tiegħu tal-każ. Għalhekk kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrent hija mxiet skont il-ftehim kollettiv.

B'sentenza tal-1 ta' Diċembru 2014 it-Tribunal ċaħad it-talba tar-rikorrent.

Ir-rikorrent appella. L-aggravji huma:

i. It-Tribunal naqas milli jieħu in konsiderazzjoni l-artikolu 25 tal-ftehim kollettiv għas-snin 2011 sal-2013 li sar bejn Multigas Ltd u Multigas Sales Ltd u t-Taqsima tal-Kimika u Enerġija tal-General Workers' Union.

[1] Ara fol 22 tal-proċess quddiem it-Tribunal.

ii. It-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-klawżola numru 30 tal-ftehim kollettiv.
iii. Dwar il-meritu.

Jirriżulta li l-appellant kellu numru ta' twissijiet:

i. Twissija 6 ta' Marzu, 2009, li skadiet skond il-Ftehim Kollettiv;
ii. Twissija 7 ta' April, 2010 li ġiet irtirata mill-appellata;
iii. Twissija 23 ta' Settembru, 2010 – *"kellimt lill-Operations Engineer bi Kliem Vulgari u b'mod dispreġattiv kif ukoll għaddejt kummenti negattivi lejn kollega tiegħek waqt il-qadi ta' dmirijietek";*
iv. Twissija 21 ta' Lulju, 2011 – *"urejt aġir mhux xieraq mal-Operations Engineer billi wżajt kliem dispreġattiv indirizzat lilu, kif ukoll kliem vulgari fil-post tax-xogħol. Barra minn hekk, inti urejt nuqqas ta' koperazzjoni mas-superjuri tiegħek meta heddidt li m'intix lest toqgħod wara l-ħin tax-xogħol jekk jirrikjedi l-bżonn";*
v. 8 ta' Awissu, 2011 – l-istess twissija bħal ta' qabel;

Klawżola 25(a) tal-Ftehim Kollettiv tipprovdi:

*"No **unfavourable report against the record of any employee shall be recorded** before the employee is given the opportunity of defending himself/herself in accordance with the grievance procedure set down below."*

Hu fatt li fid-decizjoni tat-Tribunal, din il-klawżola ma tissemmix. Dan minkejja li fir-rikors promotur l-appellant ilmenta li l-appellata kienet marbuta bil-Ftehim Kollettiv u skond dik il-klawżola l-impjegat kellu dritt li jingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħu.

L-appellata ma kkontestatx li dik il-klawżola tapplika għall-każ in eżami. Fil-fatt fit-tweġiba, b'riferenza għall-ewwel aggravju argumentat li segwiet dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv u l-appellant ingħata kull opportunita' li jiddefendi ruħu. Madankollu mill-provi jirriżulta mod ieħor:

i. Fit-30 ta' Marzu 2012 l-appellat kien bil-*leave* meta rċieva telefonata mingħand Denise Portelli, u ntalab biex minnufih imur fil-post tax-xogħol. Jirriżulta li hekk għamel. Hemmhekk iltaqa' ma' Michael Mifsud, kap eżekuttiv tal-kumpannija u ġie nfurmat li kien ser jitkeċċa. Bil-mod li saru l-affarijiet ma jistax jingħad li l-appellant ingħata l-opportunita' li jipprepara ruħu biex ikun jista' jiddefendi ruħu. Il-prezenza ta' *shop stewards* tal-Union ma kienx biżżejjed. Kollox seħħ f'daqqa, u hu evidenti li l-appellant lanqas biss kien jaf x'laqtu.

ii. Id-deċiżjoni li l-appellant jitkeċċa mill-impieg, kienet ittieħdet **sa minn qabel** Mifsud tkellem mal-appellant. Tant hu hekk li Mifsud stess xehed:

(a) *"Ehe yes fuq il-proċess aħna mbagħad kellimit lil Denise Portelli HR manager tagħna biex naraw ftit x'ċirkostanzi kienu tal-affarijiet għax jien ħassejt li assolutament kien qed isir abbuż ħa ngħidu hekk tal-fatt li aħna konna qed nagħtu dawn il-maħfriet u konna qegħdin inkunu reasonable u dik kienet tigi abbużata u ma kienx hemm qisu konsiderazzjoni għaliha, allura l-ewwel m'għamilna on the following day jiġifieri tlabtha biex ngħajtu lis-Sur Mansueto, hi nfurmatni li kien qiegħed bil-leave dakinhar pero' xorta kkuntatjajnieh jiġifieri biex jiġi jkellimna. Ukoll is-sinjura Portelli ukoll għajtet.... tiegħu tal-Union u fil-presenza ta' wieħed mill-uffiċjali li kien mar l-isptar spjegatilhom daqsxejn il-każ li kien ġara u* ***'l fatt li aħna konna se nieħdu passi finali fuqhom jiġifieri****"* (fol. 70). Kompla jgħid li kien għarraf lil dawk li kienu preżenti, *".... li l-każ ħassejna li kien każ ta' tkeċċija"* (fol. 71).

(b) *"Bażikament meta aħna ddiskrivejna l-affarijiet li ġraw jiġifieri li aħna deherilna li kienu ġraw minn dak li kien ġie rappurtat, jien infurmajtu li din kienet the last straw għalina li* ***ħassejna li ma kienx hemm iktar każ ta' chances, jiġifieri u li ħassejna li kien każ ta' dismissal anke minħabba 'l fatt ta' nuqqas ta' apprezzament tal-ambjent li kien tal-isptar u t-tip ta' klijent sensittiv illi kien involut f'dan il-każ****"* (fol. 72).

Bernard Miceli, dak iż-żmien *shop steward*, ukoll ikkonferma li d-deċiżjoni tat-tkeċċija kienet ittieħdet qabel il-laqgħa li għaliha kien preżenti l-appellant[2]. Dan mhuwiex il-mod kif isiru l-affarijiet. Ta' xejn l-appellata targumenta li l-appellant ingħata l-opportunita' li jagħti l-verżjoni tiegħu (ara stqarrija tal-każ li ppreżentat quddiem it-Tribunal, fol. 23 u fol. 10 tan-nota ta' sottomissjonijiet), għaliex meta saret il-laqgħa kien diġa ġie deċiż li għandu jitkeċċa. Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet spjegat li kien fl-aħħar tal-laqgħa li ttieħdet id-deċiżjoni ta' tkeċċija mill-impieg, il-provi juru mod ieħor. Hu veru li Denise Portelli qalet li meta l-kap eżekuttiv tkellem ma' Miceli u Friggieri, qalilhom *"... jekk naraw li dan ir-rapport huwa minnu u li vera din il-ħaġa ġrat, jien probabbli ma jkolli ebda għażla li jien nagħmel dismissal"* (fol. 121). Pero' din il-verżjoni ma taqbilx mal-verżjoni li taw Mifsud, Miceli u Friggieri. Il-qorti ma tistax temmen lil Portelli meta tqies li Mifsud stess qal li l-appellant ċaħad l-akkuża li saritlu. Kieku Mifsud qal il-kliem li qalet Portelli u meqjus li l-appellant caħad, probabilment Mifsud ma kienx ser ikeċċi lill-appellant *on the spot*.

[2] Ara wkoll deposizzjoni ta' Joseph Friggieri (fol. 235 et seq) li bażikament ikkonferma li l-appellant qatt ma ngħata l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu, u li d-deċiżjoni ta' tkeċċija kienet diġa ttieħdet meta l-kap eżekuttiv tkellem mal-appellant.

Ovvjament ladarba l-qorti kkonkludiet li l-appellant ma ngħatax l-opportunita' li jiddefendi ruħu, it-tieni aggravju jsir superfluwu[3].

Fil-fehma tal-qorti wasal iz-zmien li f'Malta jiġu ntrodotti regolamenti dwar il-proċedura li għandha tigi segwita f'każ ta' materji relatati ma' tkeċċija u dixxiplina, abbinat b'konsegwenzi legali fejn il-prinċipal jonqos milli josserva dak li jipprovdu r-regolamenti. Madankollu, mill-liġi attwali ma jirriżultax li l-fatt li l-appellant ma kellux l-opportunita' li jiddefendi ruħu qabel l-appellata keċċietu, allura t-tkeċċija kienet inġusta. It-Tribunal Industrijali għandu l-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi dawk il-każijiet fejn jiġi allegat li t-tkeċċija saret għal raġuni inġusta (artikolu 75 tal-Kap. 452). Materja li titratta dwar il-meritu tal-każ. Skond l-Att, tkeċċija inġusta tfisser:

(a) It-temm tal-impieg mill-prinċipal li ma ssirx biss minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa (*good and sufficient cause*) skond l-Att jew regolamenti magħmula taħtu; jew
(b) Ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 64(4); jew
(c) Għalkemm issir minħabba *redundancy* jew raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser fl-Att jew regolamenti magħmula taħtu;

Quddiem it-Tribunal kull parti ngħatat l-opportunita' li tressaq il-provi li riedet, min-naħa tal-appellata biex turi li kien hemm raġuni xierqa għalfejn l-appellant tkeċċa u min-naħa tal-appellant biex jirribatti l-provi li ressqet l-appellata. Wara li saret it-trattazzjoni it-Tribunal iddeċieda li kien hemm raġuni xierqa għat-tkeċċija. Dwar dan it-Tribunal qal:

*"Għar-rigward il-mertu tal-każ it-Tribunal huwa konvint li Anthony Mansueto ingħata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma u jbiddel l-attitudni tiegħu. Impjegat huwa responsabbli għall-azzjoni tiegħu. It-Tribunal jagħmel nota għal fatt li l-appellant qal li kien ċempel lill-Multigas u ġie nfurmat sabiex iċ-ċilindri iħallihom fejn kienu. Din il-prova ma nġabitx kif ukoll it-Tribunal jisħaq fuq l-aspett tal-ingann li l-appellant ipprova jagħmel. Żgur li l-prinċipal ma tax ordni sabiex iħallihom hemm. Hu kien jaf li ġja kellu diżgwid fuq l-istess lant tax-xogħol u għandu jkun jaf li huwa jirrappreżenta l-prinċipal tiegħu u għalhekk għandu jġib ruħu b'sens ta' customer service tajjeb għall-aħjar interess tal-kumpannija u mhux ifittex li jaħrab minn xogħolu.*

*It-Tribunal iħoss illi l-kumpannija Multigas Ltd mexa tajjeb fil-konfront tal-appellant u t-talba tiegħu mhix ġustifikata".*

Appell jista' jsir **biss** fuq punt ta' liġi. Fir-realta' t-tielet aggravju tal-appellant mhu xejn għajr stedina sabiex din il-qorti tevalwa ċertu provi mill-ġdid u tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Ħaġa li mhux suppost issir ġialadarba dritt ta' appell hu mogħti biss fuq punt ta' liġi (artikolu 82(3) tal-Kap. 452). Il-qorti tistqarr li fil-parti tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni, it-Tribunal seta' daħal f'iktar dettall. Madankollu, f'dawn il-każijiet it-Tribunal hu

[3] Li jitratta dwar il-proċedura kontemplata fi klawżola 30 tal-Ftehim Kollettiv.

l-*fact finder*. M'għandux ikun li din il-qorti tiskarta l-konkluzjoni li jkun wasal għaliha t-Tribunal wara l-apprezzament tal-provi li jkun għamel u minflok tasal għal konklużjoni differenti għas-sempliċi fatt li jkun jidhrilha li hi iktar flokha.

F'kull każ l-appellant ibbaża dan l-ilment fuq l-argumenti li:

i. *It-Tribunal ikkontradixxa lilu nnifsu meta semma x-xhieda li ressaq l-appellant biex juri li kien hemm ordni sabiex ma jdaħħalx it-tankijiet tal-gass ġewwa, u fl-istess waqt qal li l-appellant naqas milli jressaq prova f'dan ir-rigward* – hu evidenti li t-Tribunal kien qiegħed jirreferi għal fatt li l-appellant ma semmiex min kienet il-persuna li suppost tkellem magħha u qaltlu biex it-tankijiet tal-gass ma jdaħħalhomx fil-post fejn idaħħalhom is-soltu, apparti li lanqas ma ressaq dik il-persuna bħala xhud. Fir-rigward ta' dak li xehedu Patrick Vidal u Brian Cardona, dawn sempliċement irrakkontaw x'qalilhom l-appellant u mhux x'jafu personalment. It-Tribunal qal sew li l-appellant ma ressaqx provi li kien irċieva ordni biex it-tankijiet ma jdaħħalhomx fil-post tas-soltu, in kwantu tali prova ma teżistix. Fil-fatt l-appellant lanqas biss xehed dwar dan.

ii. *It-Tribunal naqas milli jelabora dwar x'irriżulta mill-konfront li kien sar bejn ix-xhieda Patrick Vidal, Brian Cardona, Bernard Ferrante u John Cachia* – hu evidenti li t-Tribunal m'emminix lil Vidal u Cardona li qalu li ma kienx inqala' incident mal-appellant. Hu veru li dawn iż-żewg xhieda għal darba darbtejn insistew li ma kien ġara xejn meta l-appellant qalilhom li ma kienx ser idaħħal it-tankijiet fil-post tas-soltu, pero' Bernard Ferrante u John Catania qalu li t-tagħrif li ngħataw minn Cardona u Vidal hu li l-appellant kien kellimhom ħażin u ma daħħalx it-tankijiet tal-gass fil-post fejn kien idaħħalhom is-soltu. Il-qorti taraha ferm improbabbli li Ferrante u Catania vvintaw din il-verżjoni meta skond dak li xehedu Cardona u Vidal, kien hemm okkażjoni meta l-appellant ma daħħalx it-tankijiet fil-post tas-soltu għaliex qalilhom li dik kienet l-ordni li kellu[4]. Kieku dan l-episodju ma ġiex irrakontat minn Cardona u Vidal, Ferrante u Catania ma kinux ser ikunu jafu bih, ċjoe' li kien hemm okkażjoni meta t-tankijiet tal-gass ma ddaħħlux fil-post tas-soltu. Għalhekk probabilment, li kieku fil-laqgħa tad-29 ta' Marzu 2012 ma ssemmiex tali fatt flimkien mal-mod kif aġixxa l-appellant, ma kienx ikun hemm raġuni għalfejn Ferrante u Catania jagħmlu rapport f'dak is-sens lis-superjuri tagħhom. Dan iktar u iktar meta f'korrispondenza skambjata qabel il-laqgħa (fol. 86-93) ma jissemmiex li kien hemm inċident mal-appellant. Hu evidenti li t-

[4] Dan apparti li fir-rapport, Ferrante kiteb li l-persuna ġiet deskritta lilhom bħala *"... having a big built and that 'we all know to whom we are referring', since it was the same person that caused problems"* (fol. 95). Probabilment kieku Ferrante u Catania vvintaw każ kontra l-appellat, kien jitniżżel ismu u mhux jingħad li kien persuna *'having a big build'*.

Tribunal emmen il-verżjoni li taw Ferrante u Catania, kif kellu dritt li jagħmel. Għal dak li jirrigwarda l-kumment tat-Tribunal li kien hemm ingann min-naħa tal-appellat, dan kien relatat mal-fatt li l-appellant qal lil Cardona u Vidal li kellu ordni biex ma jdaħħalx it-tankijiet fil-post tas-soltu. Kumment li sar ġialadarba m'hemmx prova li uffiċjal tal-kumpannija kien ta ordni simili lill-appellant.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.